# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 7ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 82/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Carter**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Carter talli f'xi hin bejn is-26 ta' Novembru, 1998 u t-3 ta' Dicembru, 1998, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid,

(1) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, fl-ezecizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu ga ffurmati jew maghluqa, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 179 tal-Kodici Kriminali;

(2) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 180 tal-Kodici Kriminali;

(3) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan kollu bi ksur ta' l-Arikolu 183 tal-Kodici Kriminali;

(4) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew impieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali;
(5) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, u cioe` ghal Etienne Carter, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali;
(6) ghamel xi falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali;
(7) xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel tracci jew l-indizji ta' reat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali;
(8) bhala depozitarju ta' l-awtorita` pubblika illi, b'mezzi kontra l-ligi miftehem ma' persuna ohra, ma helliex il-ligi tigi ezegwita bi ksur ta' l-Artkolu 135 tal-Kodici Kriminali;
(9) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att mhux imsemmi fl-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 138 tal-istess Kodici; u
(10) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku huwa ghamel ir-reati hawn fuq imsemmija meta kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap. 9;

l-ewwel qorti kienet ukoll mitluba li tapplika l-Artikolu 190 tal-Kodici Kriminali;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Lulju, 2000 (fol. 202);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Michael Carter;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-3 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza; it-talba aktar precizament tghid hekk:

"…jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel qorti ma sabitx lill-imputat hati tad-delitti principali u espressament riferuti mill-esponent, tirrevokaha u thassarha fil-kumplament, u cioe` billi tiddikjara u ssib htija fl-istess imputat tar-reati, komprizi u involuti, ta' ghoti ta' skritturi li falsament jidhru bhala kopji ta' atti pubblici li ma jezistux, u ta' ghoti ta' kopja ta' atti xort'ohra mill-original, u konsegwentement tinfliggi l-piena skond il-ligi.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti presentati fl-mori ta' l-appell; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appell ta' l-Avukat Generali huwa wiehed arginat u limitat ghal zewg punti ta' dritt partikolari, liema punti ser jigu spjegati f'aktar dettal hawn aktar 'l quddiem f'din is-sentenza. In fatti l-appellant, filwaqt li jfisser li huwa ma jaqbel xejn ma' hafna mill-konkluzzjonijiet ta' fatt li waslet ghalihom l-ewwel qorti, jirrikonoxxi li d-dritt ta' appell tieghu huwa, sal-lum, limitat hafna; in fatti wiehed jista jghid li dan huwa, bazikament, limitat -- bl-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Krminali -- ghal punti ta' dritt biss. Din il-qorti qed tissottolinea din ic-cirkostanza anke biex taghmilha cara li, jekk l-appell ta' l-Avukat Generali jigi michud u konsegwentement is-sentenza appellata tigi konfermata, dan ma jigix b'xi mod interpretat bhala li din il-Qorti qed tkkondividi l-konkluzzjonijiet ta' fatt milhuqa mill-ewwel qorti. In fatti din il-Qorti thossha fid-dover li tirrimarka li fis-sentenza appellata jidher li hemm, fost affarijiet ohra, konfuzjoni bejn il-kuncett tal-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' akkuzat fis-sens tal-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, u dak tal-veracita` tal-kontenut ta' tali stqarrija.

L-appellant Avukat Generali qieghed jilmenta mis-segwenti bran fis-sentenza appellata, bran li, skond hu, jenuncja b'mod zbaljat il-ligi:

"Il-Qorti pero` thoss li ghandha tirrimarka kif l-Avukat Generali naqas li jaghti fl-artikoli d-disposizzjonijiet tal-ligi u cioe` l-artikoli 181 u 182 tal-Kap. 9 u dan ghaliex dawn huma l-unici artikoli taht t-titolu IX tal-Kap. 9 li jitratta fuq id-delitti kontra l-proprjeta` u kontra s-sigurta` pubblika sub titolu III fuq il-frodi li jikkonsidra t-traskuragni fil-hrug ta' dokument pubbliku li setgha kien il-kaz in ezami".

Jibda biex jinghad li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju maghmula skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, jikkwota, bhala disposizzjonijiet li tahthom tista' tinstab htija (ta' reat li jgib mieghu piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija izda mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija) l-istess artikoli indikati mill-Pulizija Ezekuttiva fic-citazzjoni li biha l-appellat Carter tressaq quddiem il-Qorti (allura Qorti Istruttorja), u cioe` l-Artikoli 179, 180, 183, 185, 188, 189, 111(2), 135 u 138. L-artikoli l-ohra minnu citati ma jikkontemplawx reati: l-Artikolu 141 jikkontempla aggravanti, l-Artikolu 17(b) jikkontempla regola dwar il-konkors ta' pieni, l-Artikolu 31 jikkontempla l-iskala tal-pieni, l-Artikolu 20 jikkontempla regola ohra dwar il-pieni (meta piena m'ghandhiex tinghata fil-minimu), u l-Artikolu 533 jitkellem dwar l-ispejjez peritali. Ghandu jinghad ukoll li, kuntrarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza appellata, l-Artikoli 181 u 182 ma jaqghux la taht it-Titolu IX u anqas taht is-Sub-Titolu III tieghu, izda taht is-Sub-Titolu II tat-Titolu V[1].

L-aggravji ta' l-Avukat Generali huma bazikament tnejn (it-tieni aggravju u t-tielet aggravju kif prospettati fir-rikors ighidu effettivament l-istess haga, pero` b'mod differenti). L-ewwel aggravju hu fis-sens li ghalkemm l-Avukat Generali ma ccitax l-Artikoli 181 u 182 fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-ewwel qorti setghet issib lill-appellat hati tar-reati kontemplati

[1] Dan l-izball, cioe` ghal dak li hu Titolu u Sub-Titolu kif indikat mill-ewwel qorti, gie wkoll rilevat mill-appellant Avukat Generali fl-appell tieghu.

f'dawn iz-zewg disposizzjonijiet peress li meta huwa *"jirrinvija ghall-gudizzju lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dik il-qorti tkun limitata biss bil-kompetenza skond il-ligi…[ghall-] kumplament dik il-qorti hija libera, anke sal-punt li tista' ssib htija f'xi reat iehor mhux espressament imsemmi mill-esponent, basta dak ir-reat jibqa' legalment fil-kompetenza ta' dik il-Qorti"*. In sostenn ta' din l-affermazzjoni l-Avukat Generali jaghmel referenza ghas-sentenza ***Il-Pulizija v. Antonio Barbara*** App. Krim. 2/12/1939, ***Il-Pulizija v. Gunner Joseph Degiorgio*** App. Krim. 15/2/1944, u ***Il-Pulizija v. Godfrey Seisun et.*** App. Krim. 2/5/1994. It-tieni aggravju hu fis-sens li ma kienx hemm ghalfejn li l-Artikoli 181 u 182 jigu espressament citati peress li dawn jikkontemplaw reati li huma komprizi u involuti f'reati li gew espressament indikati.

Jinghad mill-ewwel li l-Avukat Generali m'ghandux ragun la fuq l-ewwel punt u lanqas fuq it-tieni punt. Jekk wiehed jaqra sew is-sentenzi ta' ***Barbara*** u ta' ***Degiorgio*** isib li r-rinviju ghall-gudizzju li ghalih hemm referenza f'dawk iz-zewg sentenzi ma hux rinviju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Krminali izda rinviju skond is-subartkolu (5) ta' dak li llum huwa l-Artikolu 433 tal-imsemmi Kodici. Fi kliem iehor, f'dawk iz-zewg kazijiet, l-Avukat Generali kien qed jiddeciedi li ma kienx hemm cirkostanzi li jgibu reat ta' kompetenza tal-Qorti Krminali izda li mill-provi seta' johrog reat jew reati ta' kompetenza (originali) tal-Qorti tal-Magistrati (cioe` l-kompetenza kif delineata f'dawk li llum huma s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 370 u s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 371 tal-Kodici Kriminali). Huwa biss meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond l-imsemmi subartikolu (5) ta' l-Artikolu 433 li l-Qorti tal-Magistrati tista' ssib htija ta' reat li ma jkunx wiehed minn dawk indikati fin-nota ta' rinviju (basta, naturalment, ikun reat ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali, u purche` li l-imputat jinghata zmien biex jiddefendi ruhhu fuq l-imputazzjoni gdid li tkun zdiedet mill-pulizija a bazi tal-provi li jkunu instemghu[2]). Huwa propju ghalhekk li s-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 433 jipprovdi li f'kaz ta' rinviju simili, il-Qorti Inferjuri tista', qabel ma ssib htija jew tillibera jew qabel ma taghti provvedimenti ohra ta' kompetenza taghha, tisma' provi ohra sew kontra kif ukoll favur l-imputat. Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut

[2] Tali zmien anqas ma hu indispensabbli li jinghata meta dana r-reat ipotizzat bl-impuazzjoni l-gdida jkun sostanzjalment kompriz f'reat ipotizzat f'wahda mill-imputazzjonijiet originali: ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Gunner Joseph Degiorgio*** *supra.*

f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. In fatti din it-tielet ipotezi kien il-punt principali fis-sentenza ta' ***Seisun et***. (cioe` li l-Qorti tal-Magistrati, wara rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3), tista' ssib lill-akkuzat hati bhala komplici flok bhala l-ezekutur materjali; ghandu jinghad ukoll, pero`, li f'din is-sentenza din il-Qorti, diversament presjeduta, ma jidhirx li apprezzat id-differenza bejn rinviju skond l-Art. 370(3) u rinviju skond l-Art. 433(5)). Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`. Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-reati kontemplati fl-Artikoli 181 u 182 tal-Kodici Kriminali jistghu jitqiesu bhala "komprizi u involuti" f'xi wiehed mir-reati espressament indkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Effettivament anqas l-istess appellant ma elucida kif dan jista' jkun. Certament l-analogija minnu maghmula mar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna u tar-reat ta' offiza involontarja fuq il-persuna ma hiex wahda valida, ghax f'dak il-kaz wiehed ikun qed jitkellem dwar l-istess element materjali u bid-differenza biss fl-element formali. Fil-fehma tal-Qorti, ir-reati kontemplati fl-Artikoli 181 u 182 – li jitkellmu dwar l-ghoti ta' kopji ta' dokumenti – huma, fl-element materjali taghhom, sostanzjalment differenti mir-reati l-ohra imsemmija fl-istess sub-titolu, cioe` r-reati kontemplati fl-Artikoli 179, 180 u 183 li jikkontemplaw falsifikazzjoni fid-dokument originali. L-Artikolu 185 jitkellem dwar dikjarazzjonijiet jew certifikati u mhux kopji ta' skritturi jew dokumenti; filwaqt li l-Artikolu 188 (mizjud fl-1980) jikkontempla kaz ta' falz ideologiku u mhux falz materjali bhalma jikkontemplaw l-Artikoli 181 u 182. Kwantu ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 189, huwa dan li jista' jkun kompriz u involut fir-reati kontemplati fl-Artikoli 181 u 182, u mhux *vice versa*. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi wkoll respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.